MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2011

Numru. 479/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Portelli u**
**Anthony Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmija **Joseph Portelli**, ta' 31 sena, bin Frank u Mary nee' Said, imwieled Toronto (Canada) nhar il-21 ta' Mejju, 1977 u residenti fil-fond numru Down Town, Triq l-Ewropa, Rabat,

Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 497193(M) u **Anthony Portelli** ta’ 27 sena, bin Joseph u Carmen nee’ Grima, imwieled New York (Stati Uniti) nhar l-04 ta’ Gunju, 1981 u residenti fil-fond numru 8, Triq Mgarr, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 476096(M) li gew akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer nhar it-18 ta’ Gunju 2008, u gimghat ta’ qabel, ftehmu jew ipprovaw jiftehmu, ghenu jew ipprovaw jghinu, hajtu jew ipprovaw ihajru, taw parir jew ipprovaw jaghtu parir, qabbdu jew ipprovaw iqabbdu li xi persuna jew persuni ohra sabiex nhar it-18 ta’ Gunju, 2008 ghal habta ta’ bejn is-sitta u t-tmienja ta’ filghodu gewwa plot fi Triq Federico Barocci, Qala, Gozo, persuni;

1. waqqghu jew ipprovaw iwaqqghu, qatghu jew ipprovaw jaqtghu, nehhew jew ipprovaw inehhu l-qoxra tas-sigra, qalghu jew ipprovaw jaqilghu l-gheruq, nehhew jew ipprovaw inehhu l-injam, wahhlu jew ipprovaw iwahhlu xi haga ma’, jew bi kwalunkwe mod qerdu jew ipprovaw jeqirdu, ghamlu hsara jew ipprovaw jaghmlu hsara, lil xi sigra jew xi partijiet taghha li hija elenkata fl-Iskedi I, II, III u ta’ xi sigra jew partijiet taghha li tinsab fl-inhawi elenkati fl-iskeda IV li jinsabu ma’ A.L. 12 ta’ 2001 (Regolament ta’ 2001 dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Imsagar), hlief ghal ragunijiet ta’ maniggjar jew ta’ intervent kirurgiku mwettaq mid-Dipartiment jew mid-Dipartiment tal-Agrikultura jew minn persuni minnhom awtorizzati. (Regolament 6 ta’ A.L. 12 ta’ 2001);

2. ukoll sabiex persuna jew persuni jiehdu parti f’azzjoni jew jipprovaw jiehdu azzjoni, jew jagixxi b’tali mod li, fil-fehma tad-Direttur setghet tkun ta’ hsara ghall-identita’ biologika, jew ghal xi sigra elenkata fl-Iskedi I, II, III, jew ghal xi sigra li tinsab fl-inhawi elenkati fl-Iskeda IV li jinsabu ma’ dawn ir-regolamenti (Regolament 7(4) ta’ A.L. 12 ta’ 2001);

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Fuq nuqqas ta' provi, il-Qorti qed tillibera lill-imputati mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------